MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 31/2013/1

**Christopher Cassar**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell intavolat mir-rikorrent appellant Christopher Cassar minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fis-26 ta' Settembru 2013 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi cahdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimat appellat u fil-meritu cahdet it-talbiet tar-rikorrent appellant, bl-ispejjez a karigu tal-istess rikorrent appellant salv ghall-ispejjez relatati ma' dawk l-eccezzjonijiet li gew michuda. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fis-sentenza msemmija wkoll ordnat li l-atti jintbaghatu minnufih lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'rakkomandazzjoni li l-partijiet jinghataw, f'seduta wahda, l-opportunita` li jaghmlu sottomissjonijiet finali sabiex b'hekk kull parti tkun inghatat l-opportunita` sabiex tikkummenta fuq il-provi li tressqu.

**2.** Fir-rikors tal-appell tieghu, ir-rkorrent Christopher Cassar talab illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza msemmija tas-26 ta' Settembru 2013 fil-kawza fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' t-talbiet kollha dedotti minnu fir-rikors promotorju ta' din il-procedura.

**3.** Fir-rikors promotorju tal-gudizzju tal-5 ta’ April 2013, ir-rikorrent appellant talab lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili sabiex ghar-ragunijiet imsemmija minnu fir-rikors tieghu:

- Tiddikjara u tiddeciedi li s-sensiela ta’ decizjonijiet mehuda mill-Qorti tal-Magistrati waqt is-seduti tal-14 ta’ Frar, tal-24 ta’ April u tad-19 ta’ Gunju 2012 kif ukoll referibbilment ghar-rikors presentat mill-esponent fis-6 ta’ Marzu 2012 relattivament ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Cassar**, kif riferit supra wasslu empirikament u b’mod palez, ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent, kif imharsa mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
- F’kaz li l-ilment tal-esponent jigi ritenut fondat, tannulla, thassar u tirrevoka d-decizjonijiet mehuda fil-kors tas-seduti riferiti kif aktar ’il fuq riferit u referibbilment ghar-rikors prezentat fis-6 ta’ Marzu 2012 indikat supra u prevja l-allegazzjoni tal-atti processwali relattivi ghall-kawza citata fil-kuntest tas-smigh tal-prezenti procedura u mad-definizzjoni taghha, tirrinvija l-atti processwali relattivi ghall-kawza in mertu lill-Qorti tal-Magistrati biex id-difiza tkun tista’ taghlaq il-provi taghha wara li l-esponent jikkonkludi x-xhieda tieghu u jressaq ix-xhieda li huwa jixtieq iressaq fl-isfond tal-linja defenzjonali tad-difiza.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**4.** Ir-ragunijiet mogHtija fir-rikors promotorju in sostenn tat-talbiet tar-rikorrent appellant huma kif gej:

"Illi b'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta' Frar 2012 relattivament ghall-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs. Christopher Cassar*" l-istess kawza giet imhollija ghas-sentenza.

"Illi jirrizulta li waqt l-imsemmija seduta l-Ufficjal Prosekutur ma kienx prezenti billi kien impenjat f'investigazzjoni u lanqas ma kien prezenti d-difensur tal-esponent li kien indispost b'mod li chiarament kien hemm lok li din il-kawza tigi differita. Lanqas ma kien prezenti xhud li kellu jixhed f'dik is-seduta fl-interess tal-kaz tal-esponent. Mill-banda l-ohra l-esponent kien presenti wahdu u deher ukoll l-parti civili assistit b'mod li l-esponent kien evidentement vulnerabbli processwalment. Gara li l-parti lesa talab li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza. Evidentement, l-esponent li kien sprovvist mid-difensur tieghu, ma setghax jiddefendi ruhu. Bhala fatt il-kawza thalliet ghas-sentenza billi saret talba f'dan is-sens certament mhux mill-esponent imma ovvjament mill-parti civili. (Dok.A). Huwa sottomess li l-kawza qatt ma messha thalliet ghas-sentenza fic-cirkostanzi anke in omagg ghall-principju tal-'*equality of arms*' stante li l-esponent ma kienx f'qaghda li jirribatti t-talba tal-Avukat tal-parti civili biex il-kawza ma tigix differita ghas-sentenza, kif in effetti gara. Izda minkejja dan l-izbilanc processwali verament palez, il-Qorti kompetenti, li ma kinitx rinfaccjata minn talba mill-Prosekuzzjoni u cioe' mill-parti akkuzatrici fil-process, biex tiddifferixxi l-kawza ghas-sentenza, laqghet l-istanzi tal-parti civili biex il-kawza tibqa' differita' ghas-sentenza minkejja li l-esponent ma kellux htija la ghall-assenza tal-Prosekuzzjoni, la ghall-assenza tad-difensur tieghu u lanqas ghall-assenza tax-xhud Ray Debattista. Minflok il-Qorti kompetenti, minghajr ma qieset dawn ic-cirkostanzi u senjatament l-izbilanc processwali li ssussista u l-konsegwenti vulnerabilita' tal-esponent, laqghet it-talba tal-parti civili u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza. Huwa sottomess illi fil-principju kien hemm lok ghal differiment una volta li x-xhud Ray Debattista ma deherx u ghalhekk ma setghax isir l-ezami u l-kontro-ezami ta' dan ix-xhud anke li kieku l-Prosekuzzjoni u d-difiza kienu presenti. F'dawn ic-cirkostanzi l-kawza messha giet differita ghas-smigh ta' dan ix-xhud.

"In segwitu l-Qorti kompetenti litteralment irrendiet il-qaghda tal-esponent aktar prekarja mill-*punto di vista* processwali, bi pregudizzju tad-drittijiet fondamentali tieghu meta cahdet it-talba tieghu dedotta b'rikors opportun prezentat sussegwentement u precizament fit-6 ta' Marzu 2012 biex tawtorizzah li jressaq il-provi tieghu waqt is-seduta li kellha tinzamm fl-24 ta' April 2012 prevja r-revoka tad-digriet moghti waqt is-seduta tal-14 ta' Frar 2012 li permezz tieghu l-kawza giet imhollija ghas-sentenza (Dok.B). Minflok waqt is-seduta tal-24 ta' April 2012 fuq insistenza tal-parti civili u minkejja l-import tar-rikors riferit prezentat mill-esponent, il-Qorti kompetenti

naqset li tilqa’ l-istanzi tad-difiza biex l-esponent ikun jista’ jkompli jressaq il-provi tieghu u bhala fatt tat effett lill-istanzi tal-parti civili biex il-kawza tkun tista’ tigi definita. Dan kollu minkejja l-assenza ghal darb’ohra tal-Ufficjal Prosekutur, li anke waqt is-seduta sussegwenti mizmuma fid-19 ta’ Gunju 2012 ma talabx li l-kawza tigi definita. Dan kollu minkejja l-assenza ghal darb’ohra tal-Ufficjal Prosekutur, li anke waqt is-seduta sussegwenti mizmuma fid-19 ta’ Gunju 2012 ma talabx li l-kawza tigi differita ghas-sentenza izda rremetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti kompetenti referribbilment ghar-rikors surriferit presentat mill-esponent. Ghandu jinghad in aggunta mas-suespost li l-Qorti kompetenti rrilavat li l-esponent kien naqas li jressaq il-provi tieghu mentri dan ma kienx il-kaz billi huwa kien beda jixhed u l-intendiment kien li jikkonkludi x-xhieda tieghu u fl-istess seduta jixhed l-imsemmi Ray Debattista li kif intqal, ma kienx deher biex jixhed waqt is-seduta tal-14 ta’ Frar 2012. Dan jimplika li l-osservazzjoni citata tal-Qorti kompetenti kienet erroneja ghalkemm kellha l-effett dirett li xxekkel lill-esponent milli jressaq ix-xhieda tieghu minkejja li huwa kien intitolat li jinghata kull facilita’ biex ikun f’qaghda li jiddefendi ruhu bil-produzzjoni tax-xhieda tieghu in sostenn tal-linja defensjonali addottata mid-difiza. (Dok.C u Dok. D).

“Fl-ahharnett l-esponent jissottometti, b’referenza ghall-fatt li t-talba biex l-kawza tigi differita ghas-sentenza, l-istess tressqet mill-parti civili, li l-Qorti kompetenti naqset li tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-talba biex din il-kawza tigi differita ghas-sentenza ma setghetx issir mill-parti civili imma mill-Prosekuzzjoni. Di fatti kif jirrizulta mill-Artiklu 410(3) tal-Kodici ta’ Procedura Kriminali l-parti civili ghandu fakoltajiet ben definiti u in effetti huma limitati ghall-fakolta’ li jesamina u li jikkontroesamina x-xhieda, li jressaq provi u li jressaq osservazzjonijiet lill-Qorti kompetenti. Dawn il-fakoltajiet huma tassattivi b’mod li kwalsiasi fakolta’ ohra tispetta lill-Prosekuzzjoni inkluz il-fakolta’ li jitlob lill-Qorti kompetenti biex tghaddi ghas-sentenza – din il-fakolta’ certament m’hix vestita fil-parti lesa u effettivament m’hix prevista mid-disposizzjoni surriferita. F’dana l-isfond t-talba tal-parti civili biex din il-kawza tigi differita ghas-sentenza ma kellha ebda fondament guridiku u di fatti oltrepassat il-parametri tal-Ligi ta’ Procedura Civili f’dan ir-rigward. Dan il-fattur komplementat mis-sensiela ta’ decizjonijiet mehuda mill-Qorti kompetenti taw lok biex il-posizzjoni processwali tal-esponent kompliet tigi menomata bi pregudizzju gravi ghad-drittijiet fondamentali tieghu kif mharsa mill-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.”

**Ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija ghar-rikors promotorju**

**5.** Fir-risposta taghhom tas-26 ta' April 2013 l-intimati fis-sustanza ghamlu s-segwenti sottomissjonijiet:

- Bdew biex jeccepixxu in linea preliminari li l-Kummissarju tal-Pulizija ma huwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li l-azzjoni tar-rikorrenti tirrazenta l-fieragh u ghandha tigi dikjarata bhala tali stante li kien l-istess rikorrenti li ghalkemm inghata diversi opportunitajiet sabiex itella' l-provi tieghu huwa naqas milli juzufruwixxi mill-istess opportunitajiet u minflok ghazel li jiddilunga u jtawwal kemm seta'. *In linea* preliminari wkoll gie sottomess li r-rikorrent kien qed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi qed jadopera procedura straordinarja bhalma hija l-procedura odjerna meta ghandu a disposizzjoni tieghu r-rimedju tal-appell mid-digrieti inkwistjoni flimkien ma' appell mid-decizjoni finali b'mod li jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tilqa' t-talbiet tieghu l-Qorti tal-Appell Kriminali terga' tibghat lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tisma' x-xhieda apparti li l-Qorti tal-Appell Kriminali tista' wkoll tiddeciedi li tisma' x-xhieda hi fl-istadju ta' l-appell ai termini tal-Artikolu 424(b) tal-Kodici Kriminali. In vista' ta' dan l-intimati appellati ssottomettew li ghat-tenur tal-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni l-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u taht il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta stante l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.

- Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati appellati ssottomettew li sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalita` tieghu u rrilevaw illi ma sar xejn matul il-process kriminali li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust.

- Il-partijiet ma ghandhomx dritt assolut li jipproducu xhieda fil-Qorti u s-smiegh ta' xhud irid ikun necessarju biex jghin li tinkixef il-verita`; barra minn hekk il-parti anqas ma ghandha dritt illimitat li taghmel id-domandi li trid lil xhud li jigi prodott.

- Ir-rikorrenti inghata diversi seduti sabiex itella' l-provi tieghu izda naqas milli jaghmel dan fis-seduti relevanti tant li ghoxrin sena wara ghadu ma kkonkludiex il-provi tieghu apparti li r-rikorrent ma rnexxilux jikkonvinci lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bir-rilevanza tax-xhieda li jrid itella'.

- Dak li jirrizulta huwa li r-rikorrent mexxa d-difiza tieghu bl-aktar mod superficjali u ttenta jrendi l-procediment kriminali etern u interminabbli billi jipprokrastina kemm jista' jkun il-produzzjoni tax-xhieda tieghu, inkluz anke t-testimonjanza tieghu personali fejn deherlu li  huwa kellu jixhed fuq medda ta' seduti u apparentement ghad fadallu xi jghid;

- Ir-rikorrent ma tqieghedx f'posizzjoni zvantaggjuza u anqas gie pregudikat fil-proceduri meta l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ddiferiet il-kawza ghas-sentenza u l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

- Inkwantu ghall-ilment tar-rikorrent appellant li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-talba tieghu ghar-revoka tad-digriet tal-14 ta' Frar 2012 l-intimati irrilevaw li fil-verbal tal-5 ta' Dicembru 2011, il-Qorti kienet

ghamlitha cara li jekk fis-seduta tal-14 ta’ Frar 2012 l-imputat ma kienx ser itella’ l-provi kollha, il-kawza kienet ser tithalla ghas-sentenza. Illi kif jirrizulta mill-verbal tal-14 ta’ Frar 2012, l-imputat ma tella’ l-ebda prova u ghalhekk il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza u cahdet ir-rikors tar-rikorrenti mhux fuq talba tal-parte civile izda minhabba nuqqas da parti tar-rikorrent li jottempera ruhu ma’ dak li kien ordnat mill-istess Qorti, **ripetutament**.

- Ir-rikorrenti jilmenta wkoll li meta l-*parte civile* talbet li l-kawza tithalla ghas-sentenza l-*parte civile* assumiet funzjoni oltre dik moghtija mill-Kodici Kriminali u b’hekk gie lez id-dritt tieghu ta’ smiegh xieraq izda ma jirrizultax li saret tali talba mill-parte civile u li jirrizulta hu biss li l-*parte civile,* kif previst fl-Artikolu 410 (3) tal-Kodici Kriminali, thalliet taghmel sottomissjonijiet dwar ir-rikors intavolat mir-rikorrenti; il-*parte civile* dejjem agixxiet fil-parametri stabbiliti mill-Kodici Kriminali fil-harsien shih tad-dritt ta’ smiegh xieraq tar-rikorrenti.

**6.** L-intimati ghalhekk sostnew li l-lanjanzi kollha tar-rikorrent kellhom jigu michuda bl-ispejjez.

**Rikors ta’ Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692)**

**7.** B’rikors tat-13 ta’ Mejju 2013 is-socjeta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited talbet li tigi awtorizzata tintervjeni fil-proceduri fl-ismijiet premessi *in statu et terminis* ai termini tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’digriet tal-15 ta’ Mejju 2013 l-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-istess socjeta`.

**<u>Risposta ta’ Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited</u>**

**8.** Is-socjeta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited ghamlet risposta li fiha sostniet li ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta t-talbiet tar-rikorrent kellhom jigu michuda.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**9.** Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) wara li rriproduciet it-talbiet tar-rikorrent fir-rikors promotorju tal-gudizzju ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza fil-mertu b’sentenza tas-26 ta’ Settembru 2013 wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet li gejjin li jinkludu rendikont dettaljat u ferm relevanti tad-diversi tappi procedurali fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u li minnhom emanaw il-procedurali kostituzzjonali odjerni:

> “L-ilmenti tar-rikorrent li ma kellux smiegh xieraq hu bazat fuq is-segwenti:-
>
> “1. **<u>L-ewwel ilment</u>** – Meta fl-14 ta’ Frar 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza, l-ufficjal prosekutur ma kienx prezenti u lanqas id-difensur tieghu ghaliex kien indispost. Lanqas kien prezenti xhud tad-difiza. Ir-rikorrent isostni li ghalhekk kien f’posizzjoni vulnerabbli ghaliex ma setax jirribatti ghat-talba tal-parte civili sabiex il-kawza tigi differita ghas-sentenza. Madankollu l-qorti laqghet it-talba u ddiferiet il-kawza ghas-sentenza. Ir-rikorrenti isostni li gialadarba x-xhud Roy Debattista ma deherx u ma setax isir l-ezami u kontro-ezami tax-xhud, il-kawza kellha tigi differita ghas-smiegh ta’ dan ix-xhud.

“2. **It-tieni ilment** – Meta l-qorti cahdet ir-rikors tas-6 ta’ Marzu 2012 biex tawtorizza lir-rikorrent sabiex iressaq il-provi tieghu waqt is-seduta tal-24 ta’ April 2012. Fis-seduta tal-24 ta’ April 2012 il-qorti, fl-assenza tal-ufficjal prosekutur, ma laqghetx it-talba tad-difiza. Ghalkemm il-qorti osservat li r-rikorrent kien naqas milli jressaq il-provi, dan ma kienx minnu ghaliex kien beda jixhed u l-hsieb kien li jlesti x-xhieda u fl-istess seduta jixhed Roy Debattista. Id-decizjoni tal-qorti waslet sabiex hu giet mcahhad milli jressaq il-provi tieghu u b’hekk jiddefendi ruhu mill-akkuzi.

“3. **It-tielet ilment** – Il-qorti naqset milli tqies li t-talba biex il-kawza tigi differita ghas-sentenza ma saritx mill-prosekuzzjoni izda mill-parte civili. Talba li ma setatx issir meta tqies l-Artikolu 410(1) tal-Kodici Kriminali.

“Fit-22 ta’ Jannar 1991 ir-rikorrent tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u gie akkuzat li matul l-1989 f’Malta:-

> “1. Approprja ruhu, bill dawwar bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn merkanzija u flus b’valur li jeccedi ‘l Lm45,000, liema flus u merkanzija kienu ta’ Alf. Mizzi & Sons Ltd u li gew fdati lilu minhabba l-kariga tieghu ta’ salesman.
>
> “2. Ghamel falsifikazzjonijiet f’atti awtentici, jew fi skritturi kummercjali, falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura, billi holoq pattijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi inkellha billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti.

“**Twegiba tal-Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija.**

> “1. Il-Kummissarju tal-Pulizija m’huwiex legittimu kontradittur (Artikolu 181B tal-Kap. 12).
>
> “2. Ir-rikors hu frivolu u vessatorju. Ir-rikorrent kellu diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu. Kien hu li tawwal il-proceduri. Proceduri ta’ din ix-xorta ma jistghux iservu ghal nuqqasijiet ta’ parti.
>
> “3. Ir-rikorrent naqas milli jezawrixxi r-rimedji ordinarji tieghu.
>
> “4. Fil-meritu, irid jigi ezaminat il-process tal-proceduri kriminali sabiex il-qorti tkun tista’ tiddeciedi dwar jekk ir-rikorrent sofriex ksur

tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq. Ir-rikorrent ma jistax jilmenta li ma kienx hemm equality of arms meta tqies li kellu kull opportunita' li jressaq il-provi tieghu f'perjoodu ta' ghoxrin sena. Kien ir-rikorrent li naqas milli jipprotegi l-interessi tieghu. Ir-rikorrent mexxa d-difiza tieghu bl-iktar mod superficjali.

"5. Fis-seduta tal-14 ta' Frar 2012 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali halliet il-kawza ghas-sentenza "wara li rat l-ahhar verbal". Dan kien tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 fejn il-qorti ghamlitha cara li jekk fis-seduta tal-14 ta' Frar 2012 l-imputat ma jressaqx provi, allura l-kawza kienet ser tithalla ghas-sentenza.

"6. Dwar l-ilment relatat mar-rwol li hadet il-parti civili, mill-process ma jirrizultax li ghamlet xi talba sabiex il-kawza tigi differita ghas-sentenza. Skond l-Artikolu 410(3) il-qorti tista' tawtorizza lill-parti offiza sabiex taghmel sottomissjonijiet lill-qorti.

"B'digriet li nghata fil-15 ta' Mejju 2013 il-qorti awtorizzat lil Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd sabiex tintervjeni f'dawn il-proceduri. Fis-16 ta' Mejju 2013 ipprezenta twegiba fejn ikkontestat l-ilment tar-rikorrent. Fit-twegiba jinghad:-

""*Illi kif jista' jigi kkonfermat bil-gurament mill-Avukat sottofirmat u del resto kif jirrizulta mill-istess atti, s-socjeta esponenti qatt ma talbet sabiex il-kawza tithalla ghas-sentenza fis-seduta in kwistjoni, din kienet fil-fatt decizjoni esklussiva tal-Qorti, kif presjeduta, li wara diversi snin u verbali, partikolarment il-verbal tas-seduta precedent li kien jaghmilha cara li l-kawza kienet ser tithalla ghall-ahhar darba ghall-provi tal-imputat u fin-unqqas ser tithalla ghas-sentenza*."

"L-intervenuta ssostni li ghoxrin (20) sena kienu bizzejjed sabiex id-difiza tressaq il-provi taghha.

"**Eccezzjonijiet preliminari**

**"(a) Kummissarju tal-Pulizija m'huwiex legittimu kontradittur** – L-ilmenti tal-attur huma li bl-ordnijiet li nghataw mill-qorti kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq. B'applikazzjoni tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12, ir-rappreżentanza tal-Gvern hi f'idejn l-Avukat Generali.

"Madankollu gialadarba r-rikorrent qieghed jitlob bhala rimedju li jerga' jinfetah l-istadju tal-provi tad-difiza u l-Kummissarju tal-Pulizija hu parti fil-kawza kriminali, il-qorti ma tara xejn hazin li jkun parti fil-kaz ghal kull interess li jista' ghandu. Dan minkejja li quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali halla f'idejn il-qorti dwar jekk ghandix terga' taghti l-opportunita' lir-rikorrent li jressaq iktar provi.

**"(b) Kawza frivola u vessatorja** – Il-qorti ma tasalx biex tikkonkludi li din hi kawza frivola u vessatorja. Certament li r-rikorrent ha dan il-pass biex jipprova jaqleb id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li cahdet it-talba ghar-revoka tal-ordni li nghatat waqt is-seduta tal-14 ta' Frar 2012. F'kull kaz wiehed irid iqies il-meritu. Hi diskrezzjoni tal-qorti li wara li tikkunsidra l-meritu tikkonkludi jekk ir-rikors huwiex frivolu u vessatorju.

**"(c) Ezawriment ta' rimedji ordinarji** – L-intimati jsostnu li r-rikorrent ghandu rimedju ordinarju li huwa: *"… ta' l-appell mid-digriet kif ukoll appell mid-decizjoni finali sabiex jimpunja d-digrieti li qed jillamenta minnhom*". Il-qorti tifhem li r-rikorrent ghamel dawn il-proceduri f'dan l-istadju ghaliex ghalih hu importanti li l-istadju tal-provi difiza jerga' jinfetah qabel ma jkun hemm sentenza li titratta l-meritu. Strettament m'hemm xejn milli jzomm lir-rikorrent, f'kaz li tinghata sentenza kontra tieghu, li jappella wkoll dwar 'il fatt li jsostni li gie mcahhad mill-opportunita' li jressaq il-provi tieghu. Pero' f'dan l-istadju ma kellux l-opportunita' li jappella mill-provvedimenti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Jekk ir-rikorrent jinghata ragun, in-nuqqas ikun tali li jatih id-dritt li jfittex ghal rimedju qabel ma tinghata s-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

"Fir-realta' din il-qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha meta tiddeciedi dwar eccezzjoni simili. F'dan il-kaz il-qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ma kellux ghalfejn jistenna ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali qabel jipproponi dawn il-proceduri, gialadarba qieghed ifittex rimedju issa.

"**Meritu.**

"Il-Qorti ser tghaddi biex tiddeskriva, skond ma jirrizulta mill-verbali tas-seduti, x'sar minn meta l-kawza kienet bdiet tigi differita ghall-provi tad-difiza:-

**"2 ta' Dicembru 1992** – Deher l-akkuzat assistit mid-difensur. Kawza giet differita sabiex jibdew jinstemghu l-provi tal-akkuzat.

**“22 ta’ Jannar 1993** – Deher l-imputat mhux assistit. Ghalhekk ma sar xejn.

**“26 ta’ Frar 1993** – Jidher li l-kawzi kriminali ta’ dakinhar gew differiti peress li l-pulizija kienu fuq xoghol iehor barra l-qorti.

**“14 ta’ April 1993** – Deher l-akkuzat assistit. Xehed l-akkuzat.

**“17 ta’ Mejju 1993** – Deher l-akkuzat. Kawza giet differita fuq talba tad-difensur tal-akkuzat.

**“16 ta’ Gunju 1993** – deher l-akkuzat li gharraf lill-qorti li d-difensur tieghu jinsab impenjat.

**“28 ta’ Lulju 1993** – Deher l-akkuzat. Ma nstemghux provi.

**“16 ta’ Ottubru 1993** – Ma deher had.

**“14 ta’ Dicembru 1993** – Deher l-akkuzat assistit. Id-difensur tieghu ddikjara li kien qieghed jirrinunzja ghall-patrocinju tieghu. Fil-fatt id-difensur attwali tal-akkuzat deher u assuma l-patrocinju tieghu.

**“11 Frar 1994** – Deher l-akkuzat. Rega’ ma nstemghux provi.

**“16 ta’ Marzu 1994** – Deher l-akkuzat assistit mid-difensur li talab iktar zmien sabiex isir edott mill-fatti.

**“27 ta’ April 1994** – Deher l-akkuzat assistit. Il-kaz ma setax jinstema’ minhabba mpenji li kellha l-qorti.

**“6 ta’ Gunju 1994** – Deher l-akkuzat assistit. Id-difensur tieghu talab differiment sabiex ikun jista’ jipprepara d-difiza.

**“20 ta’ Lulju 1994** – L-akkuzat ma deherx u ma sar xejn.

**“10 ta’ Ottubru 1994** – Ma deher hadd.

**“21 ta’ Novembru 1994** – Jidher li deher biss l-ufficjat prosekutur. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-akkuzat.

**“30 ta’ Jannar 1995** – Deher l-akkuzat assistit mill-avukat l-iehor li kien irrinunzja l-patrocinju tieghu u li assocja ruhu fil-patrocinju tal-akkuzat. Deher ukoll id-difensur l-iehor tal-akkuzat.

**“20 ta’ Marzu 1995** – Xehed l-akkuzat.

**“26 ta’ Gunju 1995** – Ma sar xejn.

**“18 ta’ Settembru 1995** – Deher l-imputat. Id-difensuri tal-akkuzat ma deherux. Il-qorti giet infurmata li wiehed mid-difensuri tal-akkuzat kien impenjat quddiem il-Qorti Kriminali.

**“23 ta’ Ottubru 1995** – Deher l-akkuzat. Ma sar xejn. Jinghad li kien ghadu m’huwiex car min kien l-ufficjal prosekutur li ser ikompli l-kaz.

**“1 ta’ Dicembru 1995** – Deher l-akkuzat u d-difensur tieghu. Ma sar xejn wara li d-difensur tal-akkuzat iddikjara li kien ghadu ma ltaqax mad-difensur l-iehor sabiex jatih il-file relatat mal-kaz.

**“26 ta’ Frar 1996** – Deher l-akkuzat izda d-difensur tieghu ma deherx. Ma sar xejn.

**“29 ta’ April 1996** – Deher l-akkuzat assistit. Il-qorti giet infurmata li l-ufficjal proskutur kien marid u l-kawza giet differita ghal 5 ta’ Lulju 1996.

**“5 ta’ Lulju 1996** – L-akkuzat ma deherx u ma sar xejn. Mal verbal hemm certifikat mediku li jirreferi ghall-akkuzat.

**“21 ta’ Ottubru 1996** – Deher l-akkuzat assistit. Il-partijiet talbu differiment.

**“23 ta’ Jannar 1997** – Deher l-akkuzat assistit. Id-difensur tieghu talab differiment u l-qorti laqghet it-talba.

**“11 ta’ April 1997** – Deher l-akkuzat. L-ufficjal prosekutur u d-difensur tieghu ma deherux. Ma sar xejn.

**“23 ta’ Gunju 1997** – L-akkuzat ma deherx. Regghu ma tressqux provi.

**“12 ta’ Settembru 1997** – Deher biss l-akkuzat.

**“28 ta’ Novembru 1997** – Deher l-akkuzat izda d-difensur tieghu baqa’ ma deherx.

**“4 ta’ Marzu 1998** – L-akkuzat u d-difensur tieghu ma deherux. Il-qorti ordnat il-hrug ta’ mandate ta’ arrest kontra l-akkuzat.

**“7 ta’ April 1998** – Deher l-akkuzat assistit. Filwaqt li skuza ruhu ghan-nuqqas tieghu li jidher fis-seduta ta’ qabel. Fil-verbal jinghad: “***Il-Qorti taghti l-ahhar opportunita lill-akkuzat sabiex ikompli jixhed peress li Dr Leo Bencini talab differiment. F’seduta ohra ghandhom jigu konkluzi il-provi kollha tad-difiza u dan sabiex il-kaz jkun jista jigi differit ghat-trattazzjoni***”.

**“17 ta’ April 1998** – Deher l-akkuzat assistit. Xehed l-akkuzat.

**“24 ta’ Gunju 1998 –** Il-qorti giet infurmata li d-difensur tal-akkuzat kien marid.

**“16 ta’ Ottubru 1998** – L-akkuzat u d-difensur tieghu ma deherux.

**“15 ta’ Jannar 1999 –** Ma deher hadd. Fil-verbal jinghad li l-akkuzat kien marid.

**“30 ta’ Marzu 1999 –** Ma sar xejn ghaliex ma deherx l-akkuzat u jinghad li kien jinsab marid.

**“16 ta’ Gunju 1999 –** Ma sar xejn wara li l-qorti giet infurmata li d-difensur tal-imputat hu indispost.

**“1 ta’ Ottubru 1999 –** Ma sar xejn minhabba l-ftuh tas-sena forensic.

**“10 ta’ Dicembru 1999 –** Ma deher hadd.

**“15 ta’ Marzu 2000 –** Ma sar xejn peress li rega’ ma deherx l-akkuzat. Jirrizulta li gie pprezentat certifikat mediku.

**“12 ta’ Mejju 2000 –** L-akkuzat deher pero ma deherx id-difensur tieghu.

**“4 ta’ Lulju 2000 –** Ma saritx is-seduta.

**“29 ta’ Settembru 2000 –** Ma saritx is-seduta.

**“10 ta’ Novembru 2000 –** Deher l-akkuzat pero ma sar xejn.

**“12 ta’ Dicembru 2000 –** Ma sar xejn.

**“20 ta’ Frar 2001 –** Ma sar xejn minhabba theddida ta’ bomba.

**“2 ta’ Mejju 2001 –** Ma sar xejn ghaliex ma kienx hemm deputat registratur.

**“19 ta’ Gunju 2001 –** Ma deher hadd.

**“25 ta’ Settembru 2001** – Ma jinghad xejn fil-verbal ghajr li l-kawza differita ghall-20 ta’ Novembru 2001.

**“20 ta’ Novembru 2001 –** Ma jinghad xejn fil-verbal ghajr li l-kawza differita ghal 5 ta’ Frar 2002.

**“5 ta’ Frar 2002 –** Deher l-akkuzat izda mhux id-difensur tieghu peress li nghad li jinsab impenjat f’kaz ta’ omicidju. Jinghad ukoll li “*il-Qorti infurmat lill-akkuzat li jekk darba ohra ma jispiccax ix-xhieda tieghu, ser tghaddi ghas-sentenza*.”

**“18 ta’ Marzu 2002 –** Xehed l-akkuzat.

**“5 ta’ Gunju 2002 –** Ma sar xejn.

**“24 ta’ Settembru 2002 –** Xehed l-akkuzat ghalkemm id-difensur tieghu ma deherx.

**“5 ta’ Novembru 2002 –** L-akkuzat ma deherx u gie ddikjarat li d-difensur tal-akkuzat jinsab indispost.

**"12 ta' Novembru 2002 –** Rega' xehed l-akkuzat.

**"5 ta' Marzu 2003 –** Deher biss id-difensur tal-parti civili.

**"7 ta' Mejju 2003 –** L-akkuzat ma deherx. Gie pprezentat certifikat mediku tax-xhud John Micallef.

**"4 ta' Lulju 2003 –** Ma sar xejn.

**"10 ta' Ottubru 2003 –** Deher l-akkuzat u rega' ma sar xejn. Id-difensur u l-ufficjali prosekutur ma deherux.

**"9 ta' Dicembru 2003 –** L-akkuzat ma deherx. Il-qorti ordnat li jingieb permezz ta' mandat ta' arrest.

**"3 ta' Frar 2004 –** Deher l-akkuzat u rega' ma sar xejn. F'dik is-seduta l-akkuzat ipprezenta certifikat tal-mard biex jiggustifika ghalfejn ma kienx attenda s-seduta tad-9 ta' Dicembru 2003.

**"21 ta' Mejju 2004 –** Ma sar xejn. Il-prosekutur ipprezentat certifikat tal-mard tax-xhud John Azzopardi. Ma jissemmix li deher l-akkuzat u difensur tieghu.

**"15 ta' Settembru 2004 –** Ma sar xejn. Jinghad li l-akkuzat jinsab imsiefer. Rega' gie pprezentat certifikat mediku tax-xhud John Azzopardi.

**"18 ta' Jannar 2005 –** Prezenti l-akkuzat. Id-difensur tieghu ma deherx. Rega' gie esebit certifikat mediku ghax-xhud Azzopardi. Xhieda ohra ma deherux minkejja li kienu notifikati.

**"26 ta' April 2005 –** Prezenti l-akkuzat izda d-difensur tieghu ma attendix. Il-qorti sabet lid-difensur tal-akkuzat hait ta' disprezz u mmultatu s-somma ta' Lm50. Kien prezenti x-xhud Charles Portelli u ma nstemax minhabba n-nuqqas tad-difensur.

**"28 ta' Gunju 2005 –** Deher l-akkuzat. Gie pprezentat certifikat mediku ta' Charles Portelli.

**"25 ta' Ottubru 2005 –** Ma deher hadd.

**"20 ta' Jannar 2005 –** Ma sar xejn wara talba tal-ufficjali prosekutur biex is-smiegh jigi diferit peress li kien ser ikun impenjat fuq kors ta' tahrig.

**"21 ta' Marzu 2006 –** Ma sar xejn minhabba theddida ta' bomba.

**"7 ta' Lulju 2006 –** Ma deher hadd.

**"10 ta' Ottubru 2006 –** Deher l-akkuzat. Il-kawza giet posposta sabiex jidher id-difensur tieghu. Meta regghet issejhet deher l-akkuzat li gharraf lill-qorti "li l-avukat tieghu ghandu hsara fil-vettura tieghu u ma jistax jkun fil-hina ghall-kawza.

**"9 ta' Jannar 2007 –** Deher l-akkuzat. Il-qorti giet infurmata li d-difensur tal-akkuzat kien indispost.

**"17 ta' April 2007 –** Deher l-akkuzat izda d-difensur tieghu baqa' ma deherx.

**"23 ta' Lulju 2007 –** Ma sar xejn.

**"23 ta' Ottubru 2007 –** Ma sar xejn wara rikors tal-akkuzat li kien ser ikun imsiefer biex jattendi ghall-fiera li jghid li kienet konnessa man-negozju tieghu.

**“27 ta’ Novembru 2007 –** Deheru l-partijiet. Saret proposta biex jintlahaq ftehim. Iz-zewg xhieda Raymond Debattista u Joseph Azzopardi ghalkemm notifikati ma deherux.

**“20 ta’ Frar 2008 –** Deher id-difensur tal-akkuzat u ddikjara li l-klijent tieghu jinsab marid.

**“15 ta’ April 2008 –** Deher biss id-difensur tal-parte civili li ddikjara li kienet ghadha ma nghatatx twegiba fuq il-proposta.

**“10 ta’ Gunju 2008 –** Deher l-akkuzat. Ma sarx progress wara li l-akkuzat gharraf lill-qorti li keinet sareat kontr-proposta.

**“14 ta’ Ottubru 2008 –** Deher l-akkuzat assistit mid-difensur. Sar qbil li jsir inkontru bejn il-partijiet.

**“20 ta’ Jannar 2009** – Deher l-akkuzat. Il-qorti tat l-ahhar opportunita’ sabiex il-partijiet jipprovaw jaslu fi ftehim.

**“20 ta’ Marzu 2009** – Deher l-akkuzat. Il-qorti giet infurmata li n-negozjati sabiex jintlahaq ftehim kienu fallew.

**“30 ta’ Gunju 2009** – Deher l-akkuzat. Il-prosekutur u d-difensur tal-akkuzat ma deherux. Fil-verbal jinghad: “*Jekk f’seduta ohra ma jitkomplewx il-provi da parti tal-akkuzat inkluz il-kontinwazzjoni tax-xhieda tiehgu, l-kaz ser jigi differit ghas-sentenza*.”

**“6 ta’ Ottubru 2009** – Hadd ma deher. Pero’ gie pprezentat certifikat mediku tal-akkuzat.

**“18 ta’ Dicembru 2009** – Deher biss il-parte civili flimkien mad-difensur tieghu. Ma sar xejn.

**“19 ta’ Frar 2010** – Deher l-akkuzat. Rega’ ma deherx l-ufficjal prosekutur u d-difensur tal-akkuzat.

**“20 ta’ April 2010** – Deher l-akkuzat assistit. L-ufficjal prosekutur ma deherx. Ma sar xejn.

**“15 ta’ Gunju 2010** – L-akkuzat u d-difensur tieghu ma deherux. Il-qorti ordnat li jinhareg mandat ta’ arrest kontra tieghu.

**“17 ta’ Settembru 2010** – L-akkuzat u d-difensur tieghu ma deherux. Fil-verbal jinghad li “Il-Qorti giet informata b’nota illi l-Ufficjal Prosekutur hu mpenjat fuq xoghol barra minn Malta.”

**“16 ta’ Novembru 2010** – L-akkuzat u d-difensur tieghu ma deherux. Il-qorti giet infurmata li l-Ispettur Ian Abdilla jinsab imsiefer.

**“1 ta’ Frar 2011** – Ma deher hadd.

**“29 ta’ Marzu 2011** – Deheru biss l-parti civili u d-difensur tieghu.

**“31 ta’ Mejju 2011** – Deher biss l-ufficjal prosekutur. Ma sar xejn.

**“4 ta’ Ottubru 2011** – Deher l-akkuzat. Id-difensur tal-akkuzat rega’ ma deherx. L-ufficjal prosekutur ma deherx u l-qorti giet infurmata li kellu appuntament l-isptar.

**“5 ta’ Dicembru 2011** – Deher id-difensur tal-akkuzat li gharraf lill-qorti li l-klijent tieghu kien marid. Il-qorti ordnat lill-akkuzat li jipprezenta certifikat

mediku. Fil-verbal jinghad: "*Dr. Leon Bencini nforma lill-Qorti li fadallu jkompli jixhed l-akkuzat u jittella jixhed certu Roy*."

"**14 ta' Frar 2012** – Deher l-akkuzat u pprezenta certifikat mediku. L-ufficjal prosekutur rega' ma deherx u l-qorti giet infurmata li jinsab impenjat f'investigazzjoni. Jinghad ukoll li d-difensur tal-akkuzat "*aktarx jinsab marid*." Fil-verbal jinghad: "*lanqas ma deher ix-xhud Roy Debattista. Il-Qorti minhabba hekk u wara li rat l-ahhar verbal thalli l-kawza differita ghall-24 ta' April 2012 fid-9.30 a.m. ghas-sentenza*."

"**24 ta' April 2012** – Deher l-akkuzat assistit mid-difensur. L-ufficjal prosekutur ma deherx. Fil-verbal saret riferenza ghal rikors tal-akkuzat ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, li presumibilment hu tas-6 ta' Marzu 2012. Il-kawza baqghet differita ghas-sentenza.

"**19 ta' Gunju 2012** – Deher l-akkuzat. L-ufficjal prosekutur irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-qorti dwar ir-rikors. Id-difensur tal-akkuzat rega' ma deherx. Il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2012.

"**16 ta' Ottubru 2012** – Deher l-akuzat. Il-kawza regghet giet differita ghas-sentenza.

"**13 ta' Novembru 2012** – L-akkuzat ma deherx. Il-kawza regghet giet differita ghas-sentenza.

"**6 ta' Dicembru 2012** – L-akkuzat rega' ma deherx. Il-kawza regghet giet differita ghas-sentenza.

"**9 ta' Jannar 2013** – L-akkuzat rega' ma deherx. Il-kawza regghet giet differita ghas-sentenza.

"**31 ta' Jannar 2013** – L-akkuzat rega' ma deherx. Il-kawza baqghet differita ghas-sentenza.

“Dawn il-fatti huma ferm inkwetanti ghal mod kif tmexxa dan il-kaz, u jaghtu lok ghal diversi riperkussjonijiet fosthom li:-

“i. Iwasslu ghal hafna hela ta’ rizorsi, ukoll mill-aspett ta’ amministrazzjoni, kif ukoll hela ta’ hin;

“ii. Jaghtu stampa kerha ta’ dak li qieghed jigri fil-qorti u joskuraw il-hafna xoghol siewi li jsir;

“iii. Iwasslu sabiex ix-xoghol ikompli jizdied bla bzonn. Din il-kawza hi ezempju klassiku;

“B’riferenza ghar-rikors tas-6 ta’ Marzu 2012 li bih l-akkuzat talab sabiex il-qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza biex tatih l-opportunita li jressaq il-provi, jidher li fis-seduta tad-19 ta’ Gunju 2012 giet michuda t-talba. Fil-fatt jinghad hekk:

““*Il-Qorti, wara li rat diversi verbali tas-seduti li nzammu sabiex l-akkuzat jkompli jixhed u jipprezenta l-provi tieghu izda dan qatt ma avera ruhu, qed tiddiferixxi l-kawza ghas-16 ta’ Ottubru 2012 fid-9.30 a.m. ghas-sentenza*.”

“Mill-atti jirrizulta li l-kawza Il-Pulizija vs. Christopher Cassar kienet ilha iktar minn ghoxrin (20) sena pendenti ghall-provi tal-imputat. Il-qorti rriproduciet dak li kien qieghed jigri waqt is-seduti peressl l jaghti stampa cara tas-sitwazzjoni.

“Fis-seduta tas-17 ta’ Mejju 2013 id-difensur tar-rikorrent spjega li d-difiza kien ghad fadlilhom tressaq bhala xhieda lil:-

“i. Raymond Debattista, li r-rikorrenti m’ghandux hjiel fejn jinsab;

“ii. Zija tar-rikorrenti li tghix barra minn Malta;

“iii. Certu Giovanni (jista’ jkun Gatt) li r-rikorrent m’ghandux hjiel fejn jinsab;

“iv. Ir-rikorrent.

"Hu evidenti li d-difensur tar-rikorrent kien nesa li fil-proceduri kriminali kien iddikjara li x-xhieda li fadlilha d-difiza kienu r-rikorrent u Raymond Debattista (seduta 5 ta' Dicembru 2011). Certament li tghodd id-dikjarazzjoni li saret waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 u mhux li saret f'din il-kawza waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2013. Il-qorti taghmel ukoll dawn l-osservazzjonijiet:-

"(a) Ir-rikorrent xehed minn jeddu fis-seduti tal-14 ta' April 1993, 20 ta' Marzu 1995, 17 ta' April 1998, 18 ta' Marzu 2002 u 24 ta' Settembru 2002. Imbaghad rega' xebed fit-12 ta' Novembru 2002 meta sarlu l-konro-ezami. Jista' jkun li minhabba ragunijiet ta' hin allokat ghas-seduta ikun mehtieg li tigi utilizzata iktar minn seduta wahda sabiex jixhed l-imputat, gialadarba normalment il-gurnata xoghol tal-qorti ma tkunx ghas-smiegh ta' kawza wahda. Pero' mit-traskrizzjonijiet tad-deposizzjoni tar-rikorrent hu evidenti li ma kien jezisti l-ebda bzonn ta' dan iz-zmien kollu sabiex ir-rikorrent jaghti l-verzjoni tieghu. Dan apparti li r-rikorrent kien ghalaq d-deposizzjoni tieghu tant li fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2002 kien sarlu kontro-ezami.

"(b) Jirrizulta li Raymond Debattista kien xehed fil-21 ta' Gunju 1991 meta l-proceduri kienu ghadhom fi stadju ta' kumpilazzjoni. Fir-realta' tista' tghid li ftit li xejn qal peress li ghal hafna mistoqsijiet ghazel li ma jwegibx ghaliex bit-twegiba jista' jinkrimina lilu nnisfu. Jekk issa r-rikorrent ma jafx fejn jista' jigi notifikat Debattista, ma jista' jwahhal f'hadd ghajr fih innifsu li halla dawn is-snin kollha jghaddu minghajr ma wera diligenza fil-mod kif mexxa d-difiza tieghu. Dan apparti li r-rikorrent kellu kull opportunita' li jaghmillu kontro-ezami (Artikolu 393 tal-Kodici Kriminali) fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Ghal ragunijiet li jafu hu u d-difensur tieghu, ghazlu t-triq li jistennew. Wara iktar minn ghoxrin sena ma jista' jaghti tort lil hadd jekk tilef dik l-opportunita'.

"F'dan il-kaz hu evidenti li hemm nuqqasijiet gravi:-

"1. Min-naha tal-prosekuzzjoni. Jibda biex jinghad li mill-verbali tas-seduti hu evidenti li kien hemm hafna seduti fejn l-ufficjal prosekutur ma kienx prezenti, fatt li jaghti stampa ta' prosekuzzjoni fqira u bi ftit li xejn interess. Hekk ukoll mill-verbali tas-seduti hu lampanti l-atteggjament ghal kollox passiv tal-prosekuzzjoni matul dawn is-snin kollha meta suppost kienu qeghdin jinstemghu l-provi tar-rikorrent. Il-prosekuzzjoni kellha d-dmir li tippartecipa b'mod attiv, u fejn hemm bzonn titlob l-intervent tal-qorti. Hu evidenti li matul dawn is-snin kollha l-prosekuzzjoni hassitha komda tassumi rwol ta' spettatur.

"2. Min-naha tal-imputat li litteralment thalla jaghmel *hijack* tal-proceduri u ilu s-snin jaghmel li jrid. Ir-rikorrent wera nuqqas ta' diligenza fid-difiza tal-interessi tieghu meta kellu kull opportunita' li jiddefendi ruhu. Kienet ghazla libera tar-rikorrent li jittraskura. Id-dritt

fundamentali ghal smiegh xieraq m'huwiex hemm biex jipprotegi lil min hu negligenti u jonqos milli jiehu hsieb l-interessi tieghu, u wisq inqas minn min jabbuza mill-process gudizzjarju.

"3. Min-naha tal-qorti li ppermettiet parti tkaxkar saqajha u kien biss wara iktar minn ghoxrin (20) sena li hadet provvediment biex twaqqaf dan l-abbuz lampanti. Hekk per ezempju fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2009 ma sar xejn u l-qorti pprovdiet li jekk f'seduta ohra ma jitressqux provi tad-difiza, *"[…] l-kaz ser jigi differit ghas-sentenza".* Pero' kellhom ighaddu iktar minn sentejn u nofs sakemm il-qorti waqfet dan l-abbuz. Dan apparti li naqset milli tiehu azzjoni kontra xhieda li minn ghal zmien ma kienux qeghdin jattendu ghas-seduti tal-qorti kif ukoll kontra l-prosekuzzjoni.

"Fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti il-qorti tirrileva li:-

1. **<u>L-Ewwel ilment</u>** – Il-verbal tal-14 ta' Frar 2012 jaqra:-

"*Meta ssejhet il-kawza, deher l-akkuzat u pprezenta certifikat mediku in konnessjoni ma l-ahhar seduta tal- 5 ta' Dicembru 2011. Deher il-parti civili Peter Wirth assistit minn Dr. Damian Degiorgio.*

*"Il-Qorti giet infurmata li l-Ufficjal Prosekutur jinsab impenjat f'investigazzjoni.*

*"Dr. Leon Bencini aktarx jinsab marid.*

*"Lanqas ma deher ix-xhud Ray (recte, Roy) Debattista.*

*"Il-Qorti minhabba hekk u wara li rat l-ahhar verbal thalli l-kawza differita ghall-24 ta' April 2012 fid-9.30 a.m. ghas-sentenza*."

"Ir-rikorrent jilmenta li dak li gara waqt is-seduta tal-14 ta' Frar 2012 wassal ghal sitwazzjoni ta' nuqqas ta' *equality of arms* ghaliex "*… l-esponent ma kienx f'qaghda li jirribatti t-talba tal-Avukat tal-parti civili biex il-kawza ma tigix differita ghas-sentenza, kif in effetti gara*" (fol. 1). Fil-kawza **Abdulgadirov v Azerbaijan** (2451/06) deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali fl-20 ta' Gunju 2013, gie osservat: "*The principle of equality of arms requires each party to be given a reasonable opportunity to*

*present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent*". Ir-rikorrent isostni li d-decizjoni li ttiehdet waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru 2011 kienet fuq insistenza tal-parti civili. Prova ta' dan m'hemmx. Mill-verbal tas-seduta ma jirrizultax li l-ordni tal-qorti kienet instagata mill-parti civili. Inoltre l-prosekuzzjoni ma gawditx minn xi vantagg procedurali, tant li ghall-prosekuzzjoni had ma deher. Mill-atti jirrizulta wkoll kif il-prosekuzzjoni halliet f'idejn il-qorti meta giet biex tiddeciedi dwar ir-rikors li pprezenta r-rikorrent fis-6 ta' Marzu 2012 in kwantu waqt is-seduta tad-19 ta' Gunju 2012 iddikjarat li *"[…] tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti*". Dan apparti li fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 jinghad espressament:-

> ""*Il-Qorti tirrileva illi d-difiza inghatat diversi differimenti ghal dan l-iskop u jekk fis-seduta li tmiss id-difiza ma ttellax l-provi kollha taghha l-kaz jithalla ghas-sentenza*".

"Il-qorti zzid ukoll li:-

"I) Ir-rikorrent kien diga' xehed u sarlu kontro-ezami mill-parti civili. Dan ifisser li x-xhieda tieghu kienet maghluqa. Tant hu hekk li fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2002 wara li xehed, inghad li "*Il-kaz jibqa jekk ikun il-kaz ghal kontro-ezami tal-akkuza (u) ghal kontinwazzjoni tal-provi difiza ghall-5 ta' Novembru 2002 f'12.00 a.m.*". Il-qorti ma tifhimx kif ir-rikorrent jippretendi li ghandu xi dritt li jkompli jixhed, u biex ighid x'hiex ? Ir-rikorrent ma ta l-ebda raguni ghalfejn wara li xehed u sarlu kontro-ezami, ghandu jerga' jinghata l-opportunita' li jixhed.

"II) Hu evidenti li x-xhud Raymond Debattista qatt ma seta' jidher ghaliex ir-rikorrent stess iddikjara li ma jafx fejn jinsab. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrent jargumenta li l-ufficjal prosekutur kellu jharrek lix-xhud Debattista. Ghalkemm ix-xhieda li jkun irid iressaq l-imputat jitharrku mill-prosekuzzjoni, bhala prinipju ghandu jkun id-dmir tieghu li jaghti d-dettalji fejn ghandha ssir in-notifika. L-imputat m'ghandu l-ebda dritt jippretendi li hu bizzejjed li jsemmi isem ta' persuna li jrid iressaq bhala xhud. Dettalji li f'dan il-kaz jidher li l-imputat ma tax ghaliex id-difensur tieghu qal li ma ghandu l-ebda hjiel fejn jinsab Debattista. Lanqas ma saret xi prova li kienet saret talba lill-prosekuzzjoni biex tharrek lil Raymond Debattista ghas-seduta tal-14 ta' Frar 2012. Fir-realta' mill-atti jirrizulta li Raymond Debattista kien notifikat sabiex jattendi l-qorti ghas-seduta:-

"i. Tal-4 ta' Lulju 2003, izda ma sar xejn.

“ii. Tal-21 ta’ Mejju 2004, izda fil-verbal ir-rikorrent u difensur tieghu ma jissemmewx. Jidher li ghal din is-seduta r-rikorrent ma deherx. Konkluzjoni li l-qorti qeghda tasal ghaliha ghaliex l-ufficjal prosekutur ipprezenta r-riferta tan-notifika.

“iii. Tat-18 ta’ Janar 2005. Ix-xhud ma deherx u l-qorti ordnat il-hrug ta’ mandat ta’ skorta. Fis-seduta ta’ wara l-prosekuzzjoni ddikjarat li x-xhud ma kienx instab.

“iv. Tas-27 ta’ Novembru 2007. Ix-xhud rega’ ma deherx. Pero’ f’dik is-seduta nghad li bejn il-partijiet kienet ser tigi diskussa proposta ghal transazzjoni. Fis-seduti ta’ wara bejn ‘l 20 ta’ Frar 2008 u 20 ta’ Marzu 2009 ma nstemghux provi peress li l-partijiet kien qeghdin jipprovaw jaslu ghal ftehim. Mis-seduta ta’ wara (30 ta’ Gunju 2009) ma sar assolutament xejn.

“Jekk wiehed kellu jqies il-mod kif ingabru l-provi tar-rikorrent, zgur li ma jistax jilmenta li ma kellux smiegh xieraq.

2. **Tieni ilment** – Meta fis-seduta tad-19 ta’ Gunju 2012 il-qorti rrilevat li r-rikorrent kien naqas milli jressaq il-provi, hu evidenti li kienet qeghda tirreferi ghas-snin twal li matulhom kellu l-opportunita’ jressaq il-provi tieghu u naqas mizerabilment. Dak li gie verbalizzat ma kienx ghal xi seduta partikolari. Jekk kien hemm xi hadd li pogga l-posizzjoni tar-rikorrent f’qaghda prekarja kien hu stess bil-komportament tieghu matul is-snin kollha li kellu sabiex iressaq il-provi tieghu. Ghalkemm l-ufficjal prosekutur irrimetta ruhu ghat-talba li saret mid-difiza bir-rikors prezentat fis-6 ta’ Marzu 2012, dan ma kienx ifisser li l-qorti kellha xi obbligu li tilqa’ t-talba. F’perjodu ta’ iktar minn ghoxrin (20) sena r-rikorrent altru milli nghata kull opportunita’ li jressaq provi tieghu.

3. **Tielet ilment** – Ir-rikorrent jallega li kienet fuq talba tal-parte civili li fis-seduta tal-14 ta’ Frar 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza. Hu jsostni li talba simili ma tistax issir mill-parti civili, ghaliex skond l-Artikolu 410(3) tal-Kodici Kriminali tista’ biss tezamina u tikkontroezamina xhieda. Ir-rikorrent qieghed jistieden lill-qorti sabiex tinterpreta dan il-provvediment, haga li ghandha ssir mill-qorti li qeghda tisma’ l-kawza Il-Pulizija vs. Christopher Cassar. F’kull kaz mill-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Frar 2012 ma jirrizultax dak li qieghed jallega r-rikorrent.

“Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi r-rikors billi:-

“1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

“2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat.

"3. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimat.

"4. Fil-meritu tichad it-talbiet tar-rikorrent.

"Spejjez a karigu tar-rikorrent salv ghall-ispejjez relatati ma' dawk l-eccezzjonijiet li gew michuda.

"Tordna li l-atti jintbaghatu minnufih lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'rakkomandazjzoni li l-partijiet jinghataw, f'seduta wahda, l-opportunita' li jaghmlu sottomissjonijiet finali sabiex b'hekk kull parti tkun inghatat l-opportunita' sabiex tikkummenta fuq il-provi li tressqu."

**Rikors tal-appell ta' Christopher Cassar**

**10.** B'rikors ta' appell tat-8 ta' Ottubru 2013 ir-rikorrent appellant talab illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Settembru 2013 fil-kawza fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' t-talbiet kollha dedotti minnu fir-rikors promotorju ta' din il-procedura.

**11.** Fil-qosor, l-aggravji tal-attur appellant huma s-segwenti:

- *Nuqqas ta' locus standi tas-socjeta` appellata Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited:*

Fil-kuntest ta' procedura gudizzjarja fejn l-individwu ossija l-imputat jallega li d-drittijiet fundamentali tieghu gew vjolati l-imsemmija kumpanija ma setghetx ikollha *locus standi* peress li fil-kuntest tal-proceduri penali li kienu qed isiru quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li

wasslu ghal dawn il-proceduri kostituzzjonali, l-interess tas-socjeta` appellata kien wiehed purament kummercjali fis-sens li l-aspettattiva taghha kienet u ghadha li f'kaz ta' htija l-attur appellant jigi ordnat biex jirrifondi lill-parti civili t-telf li garrab;

- *Nuqqas ta' smiegh xieraq – differiment ghas-sentenza fl-assenza tad-difensur u fuq insistenza tal-parti civili*

L-attur appellant jargumenta li in vista tal-fatt li gie sprovvist mid-difensur tieghu filwaqt li l-parti civili kien prezenti, il-principju tal-'*equality of arms*' gie miksur u fil-principju l-kawza messha giet differita fl-assenza tad-difensur tal-appellant u anke fl-assenza tal-Ufficjal Prosekutur. Isostni wkoll li l-ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza fuq insistenza li saret mill-parti civili meta l-esponent kien sprovvist mid-difensur tieghu u konsegwentement mill-*punto di vista* processwali l-appellant certament kien vulnerabbli u dan l-izbilanc processwali wassal ghall-ksur tal-principju tal-'*equality of arms*' stante li l-esponent gie pregudikat gravament.

- *Nuqqas ta' smiegh xieraq – ma thalliex jipproduci lix-xhud Roy Debattista*

Ir-rikorrent appellant isostni li kien ilu jippretendi li jipproduci bhala xhud tieghu lil Roy Debattista ghal diversi snin u fil-fatt dan ix-xhud kien gie notifikat u b'hekk l-Ufficjal Prosekutur kien jaf ben tajjeb fejn kien qed joqghod dan ix-xhud izda qatt ma harrek lil dan ix-xhud, bi pregudizzju gravi ghall-attur appellant. F'dawn ic-cirkostanzi id-differiment tal-kawza ghas-sentenza kellha l-effett li timpedixxi lir-rikorrent appellant milli jressaq ix-xhieda tieghu bi ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

- *Nuqqas smiegh xieraq – talba parti civili biex kawza tigi differita ghas-sentenza*

Jirrizulta, almenu fi grad ta’ probabilita`, li l-parti civili talbet biex il-kawza tibqa’ differita ghas-sentenza, liema talba giet milqugha bi ksur tad-disposti tal-Artikolu 410(3) tal-Kodici ta’ Procedura Kriminali u b’hekk il-posizzjoni processwali tieghu fl-isfond tal-principju tal-‘*equality of arms*’ iddghajjfet b’mod vistuz bi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq;

- *Rakkomandazzjoni fil-parti konkluzziva tas-sentenza appellata*

B’riferenza ghar-rakkomandazzjoni wara l-parti disposittiva tas-sentenza appellata, fis-sens li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali jingHataw, f’seduta wahda, l-opportunita` li jaghmlu sottomissjonijiet finali sabiex kull parti tkun inghatat l-opportunita` sabiex tikkummenta fuq il-provi li tressqu, ir-rikorrent appellant isostni li din il-Qorti m’ghandhiex il-poter bhala Qorti ta’ kompetenza civili li b’xi mod tintrometti fil-proceduri kriminali li talvolta jkunu qed jinzammu quddiem Qorti ta’ kompetenza penali u / jew li tippregudika l-qaghda tieghu f’dawk il-proceduri u ghalhekk dik ir-rakkomandazzjoni ghandha tigi ritenuta bla ebda fundament jew effikacja guridika ghaliex il-posizzjoni tieghu ma tistax tkun aghar milli kienet qabel ma ntavola dawn il-proceduri u konsegwentement ghandu jkun intitolat li jitqieghed fl-istess posizzjoni legali li kien qabel intavola dawn il-proceduri f’kaz li istanzi tieghu fir-rigward ta’ din il-kawza ma jkollhomx esitu favorevoli.

**Risposta tal-appell tal-intimati appellati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

**12.** L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ssottomettew li l-appell intavolat mir-rikorrent appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant sostanzjalment ghar-ragunijiet segwenti:

- **Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-attur appellant**, il-konvenuti appellati l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija jargumentaw li ghalkemm l-ewwel aggravju jirriferi ghad-digriet tal-15 ta' Mejju 2013 madanakollu ma jidhirx li l-appellant appella mill-istess digriet izda fi kwalunkwe kaz isostnu li kienet korretta l-ewwel Qorti meta ammettiet l-intervent fil-kawza tal-*parte civile* kif ukoll meta ma rrevokatx id-digriet fejn awtorizzat tali intervent gialadarba l-mertu tal-kawza kostituzzjonali seta' jaffettwa l-proceduri kriminali kontra l-appellant fejn il-*parte civile* ghandha *locus standi* u ghalhekk ghandha dak l-interess dirett u attwali necessarju li jiggustifika intervent fis-sens tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

- **Fir-rigward tat-tieni aggravju li gie mressaq mill-attur appellant**, l-intimati appellati jsostnu li dak li effettivament qed jaghmel l-attur appellant huwa li jistieden lill-Qorti munita b'gurisdizzjoni kostituzzjonali sabiex tinterpreta artikolu tal-Kodici Kriminali meta dan ir-rwol jispetta lill-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali. Il-Artikolu 410(3) tal-Kodici Kriminali jistabilixxi li l-Qorti tista' tawtorizza lill-*parte civile* sabiex taghmel sottomissjonijiet li l-Qorti jidhrilha li jkunu ammissibbli u peress li minn imkien mill-verbali tal-process ma jirrizulta li l-*parte civile* ghamlet dak li qed jallega l-attur appellant, dan ifisser li tali talba qatt ma saret. Id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li l-kawza tithalla ghas-sentenza kienet msejsa fuq ezami tal-atti processwali u kien wara li l-Qorti tal-Magistrati osservat illi mid-'*diversi verbali tas-seduti li nzammu sabiex l-akkuzat*

*jkompli jixhed u jipprezenta l-provi tieghu izda qatt ma avvera ruhu*' li waslet ghad-decizjoni taghha li tiddiferixxi ghas-sentenza. Il-Qorti tal-Magistrati kienet iddifferiet il-kawza ghal diversi drabi ghall-ahhar darba sabiex jigu konkluzi l-provi tal-imputat appellant izda b'danakollu xorta kienet tatu diversi opportunitajiet sabiex itella' l-provi u dan fuq medda ta' ghoxrin sena shah. Minkejja l-opportunitajiet moghtija, l-attur appellant naqas milli jipproduci l-provi tieghu.

- **Fir-rigward tat-tielet aggravju tal-attur appellant**, Dwar dan l-aggravju l-intimati appellati jsostnu li l-principlu ta' l-'*equality of arms*' ma jaghtix dritt assolut lill-partijiet li jipproducu xhieda fil-Qorti, li s-smigh ta' xhud irid ikun necessarju biex jghin li tinkixef il-verita` u li l-partijiet m'ghandhomx dritt illimitat li jaghmlu id-domandi li jridu lil xhud li jigi prodott.

- **Fir-rigward tar-raba' aggravju mressaq mill-attur appellant,** l-ewwel Qorti kienet korretta ghaliex minkejja d-diversi differimenti li akkordat lir-rikorrent appellat sabiex igib il-provi tieghu huwa naqas milli jaghmel dan u hela l-opportunitajiet li tatu l-Qorti.

- **Fir-rigward tal-hames aggravju tal-attur appellant**, il-konvenuti appellati ssottomettew li huwa pacifiku li appell jista' jsir biss mill-parti dispozittiva tas-sentenza mentri dak li qed jittenta jaghmel l-attur appellant huwa li jiddiskuti parti tas-sentenza li mhijiex il-parti dispozittiva, u ghalhekk dan ghandu jigi skartat minn din il-Qorti.

**<u>Ir-risposta tal-appell ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited</u>**

**13.** Fir-risposta taghha s-socjeta` intervenuta Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited talbet illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell tar-rikorrenti sostanzjalment ghar-ragunijiet segwenti:

- Is-sentenza hija gusta u jisthoqqilha tigi kkonfermata.

- L-appell huwa palezement frivolu u vessatorju sabiex kemm jista' jkun jghaddi aktar zmien u jahli aktar hin tal-Qrati u tal-partijiet l-ohra kollha nvoluti.

- **Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-attur appellant**, is-socjeta` ntervenjenti hija parti ntegrali mill-process gudizzjarju li qieghed jigi attakkat u ghandha interess li tippartecipa f'din il-kawza stante li qieghed jigi imputat lilha u lir-rapprezentanti taghha, inkluz lill-avukat taghha, mgieba skorretta.

- **Fir-rigward tat-tieni aggravju tal-attur appellant**, il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Frar 2012 huwa car fis-sens li qatt ma saret talba min-naha tal-*parte civile* sabiex il-kawza tibqa' ghas-sentenza. Din id-decizjoni kienet wahda tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li wara li kienet ilha tisma' l-kawza ghal diversi snin u tisma' b'diversi skuzi sabiex jinhela l-hin, fl-ahhar iddecidiet li l-kawza kellha tibqa' ghas-sentenza. Fi kwalunkwe kaz, *dato ma non concesso*, anke li kieku kien hemm xi forma ta' skwilibriju bejn il-partijiet, dan certament gie ndirizzat fis-seduti sussegwenti billi l-imputat inghata l-opportunita` jaghmel is-sottomissjonijiet verbali, wara rikors tieghu sabiex tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza, izda xorta ma kkonvinciex lill-Qorti li kien jisthoqqlu opportunita` ohra sabiex igib il-provi. Din id-decizjoni kienet kjarament gusta u korretta meta jittiehed qis li r-rikorrent appellant altru milli nghata kull opportunita` mmaginabbli biex jipproduci x-xhieda izda dan baqa' qatt ma ghamlu.

- **Fir-rigward tat-tielet aggravju,** is-socjeta` appellata ssostni li l-Qorti tal-Magistrati hasset li kienet offriet bizzejjed opportunitajiet lill-attur appellant sabiex jipproduci x-xhieda tieghu u sabiex jixhed hu stess. Fil-fatt l-istess attur appellant xhed diversi drabi u Roy Debattista kien prezenti wkoll ghall-proceduri u seta' jigi ezaminat, izda ghar-ragunijiet tieghu l-attur appellant dan m'ghamlux u issa donnu jrid iwaqqaf il-process kollu ghax jghid li jrid jistaqsi xi domandi lil Roy Debattista meta dan Roy Debattista ma jafx fejn hu u ma ghamel xejn sabiex jipprova jsibu. Is-socjeta` appellata tghid li l-verita` hi li kull ma jrid jaghmel l-attur appellant huwa li jtawwal il-process u qieghed jipprova jaggrappa ruhu ma' dan ix-xhud sabiex jaghmel hekk billi jaf li dan ma jistax jinstab u li hu certament ma huwa ser jaghmel xejn biex isibu b'dan illi meta Debattista kien prezenti l-attur appellant ma avvallax ruhu mid-dritt tieghu li jaghmillu d-domandi u issa jrid li jwaqqaf il-process ghal dejjem ghax dan ma jistax jinstab. Is-socjeta' appellata ssostni li dan kollu huwa kkonfermat mit-tentattiv ta' l-attur appellant li jzid aktar xhieda, kollha kemm huma difficli sabiex jigu rintraccjati u dan minghajr ma jghid ghalfejn jixtieq jipproducihom f'dan l-istadju. M'hemmx dubju fil-fehma tas-socjeta` appellata li dawn ix-xhieda gew selezzjonati mhux billi ghandhom xi haga min dak li gja` nghad fil-kawza izda semplicement ghax huma difficli sabiex jigu rintraccjati u ghalhekk iservu ben tajjeb l-iskop tal-attur appellant li jtawwal il-process kemm jiflah.

- **Fir-rigward tar-raba' aggravju tal-attur appellant**, is-socjeta` appellata targumenta li huwa bil-wisq ovvju li wiehed ma jistax jiehu vantagg bin-nuqqasijiet tieghu stess. Skont is-socjeta` appellata, bl-iskuzi tieghu l-attur appellant diga` rnexxielu jtawwal il-process *ben oltre* dak li messu gie konsentit. Ghaldaqstant, dawn l-iskuzi tieghu u t-tentattivi tieghu sabiex jahli l-hin m'ghadhomx jigu accettati minn din il-Qorti.

- **Fir-rigward tal-hames aggravju tal-attur appellant**, is-socjeta` intervenjenti tissottometti li dan l-aggravju ma jaghmilx sens ghax kif jista' l-attur appellant li talab ghall-intervent tal-Qrati ta' kompetenza Kostituzzjonali sabiex dawn jaghtuh rimedju ghal-lezjoni li jghid li garrab fl-istess nifs jghid lill-Qorti li ma tistax tintrometti ruhha?

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**14.** Il-kwistjonijiet li trid tikkunsidra din il-Qorti huma s-segwenti:

- Jekk is-socjeta` appellata Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited ghandhiex *locus standi* f'dan il-kaz;

- Jekk minhabba l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet li tiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza, allegatament fuq talba tal-*parte civile*, minghajr il-prezenza tal-Prosekutur Generali u tad-difensur tal-akkuzat, u minghajr ma semghet ix-xhieda ta' Roy Debattista, giex miksur id-dritt fundamentali ghal smigh xieraq tal-attur appellant ikkontemplat kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.
- Jekk ir-rakkommandazzjoni li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha lill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Cassar** ghandhiex ikollha fondament jew effikacja guridika.

*<u>L-ewwel aggravju tar-rikorrent appellant</u>*

**15.** Ir-rikorrent appellant isostni li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha ma jmisshiex awtorizzat lis-socjeta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited tintervjeni f'dawn il-proceduri kostituzzjonali bid-digriet li tat fil-15 ta' Mejju 2013 peress li dawn il-proceduri huma ta' natura kostituzzjonali li jippresupponu relazzjoni bejn l-Istat u l-individwu u li fihom l-imsemmija socjeta` appellata ma setghetx ikollha *locus standi.* Ir-rikorrent appellant izid jghid li l-interess tas-socjeta` intervenjenti fil-proceduri penali li kienu qed isiru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kien wiehed purament kummercjali li f'kaz ta' htija r-rikorrent appellant jigi ordnat jirrifondilha t-telf li garrbet.

**16.** Mill-banda l-ohra, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija jsostnu li l-*parte civile* ghandha *locus standi* f'dawn il-proceduri u dan ghaliex peress li l-mertu ta' din il-kawza kostituzzjonali tista' taffettwa l-proceduri kriminali kontra l-attur appellant fejn il-*parte civile* ghandha *locus standi*, il-*parte civile* ghandha dak l-interess dirett u attwali necessarju li jiggustifika l-intervent taghha fis-sens tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta` intervenjenti Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited ziedet ukoll li hi ghandha interess li tippartecipa f'dawn il-proceduri kostituzzjonali stante li qieghed jigi imputat lilha u lir-rapprezentanti taghha, inkluz lill-avukat taghha, imgieba skorretta.

**17.** Il-Qorti tirrileva li ghalkemm persuna ma jkollhiex interess guridiku tali li tkun parti f'kawza xorta jista' jkollha dak l-interess fl-ezitu tal-kawza li jiggustifika li tigi awtorizzata tintervjeni fl-istess kawza bejn haddiehor. Il-pozizzjoni guridika ta' parti f'kawza u intervenut fl-istess kawza ma hix identika. Di fatti persuna li tigi awtorizzata tintervjeni f'kawza *in statu et terminis*, ghalkemm bil-permess tal-Qorti tista' tissolleva kwalunkwe eccezzjoni[1], ma ssirx parti fil-kawza[2], kuntrarjament ghal kjamat fil-kawza, u ghalhekk ma tistax tigi kundannata jew liberata[3]. L-intervent fil-kawza, izda, huwa moghti lil kull persuna li turi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li ghandha interess f'kawza li tkun miexja bejn haddiehor[4].

**18.** L-istitut tal-intervent f'kawza *in statu et terminis* huwa regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta' Procedura Civili li jiddisponi li:

> "Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista fuq rikorss, jigi mdahhal *in statu et terminis*, bhala parti fil-kawza, f'kull waqt taghha, sew fil-qorti ta' l-ewwwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha".

Mill-kontenut tal-istess artikolu huwa evidenti li l-ligi riedet taghti fakolta` wiesa' biex parti interessata f'kawza partikolari tinghata l-possibilita` li tigi ammessa

[1] App. Civ. Sup**. Michele Cefai v. Angelo Cutajar et.**, 11/4/1947
[2] Q. Kost. **Carmelo sive Charles Delia et. v. Registratur tal-Qrati noe. et.** 25/4/1990; PA **Ivo Borg v. Carmelo Muscat**, 28/10/1960
[3] App. Civ Sup. **Bernard Zammit v. Emmanuele Formosa et**, 11/6/1948
[4] PA **John Said et v. Carmelo Vassallo**, 11/3/1950

anke meta l-istess kawza tkun bejn partijiet ohra minghajr ma l-ligi toqghod tiddistingwi bejn tipi ta' kawzi[5].

**19.** Huwa evidenti li l-mertu ta' din il-kawza kostituzzjonali tista' taffettwa l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent appellant fejn is-socjeta` intervenjenti hija *parte civile*. Inoltre, is-socjeta` intervenjenti ssostni li hi ghandha interess li tippartecipa f'dawn il-proceduri kostituzzjonali stante li qieghed jigi imputat lilha u lir-rapprezentanti taghha, inkluz lill-avukat taghha, imgieba skorretta li hi ghandha interess tikkontradici.

**20.** In vista tal-premess, u tenut kont tal-fatt li l-qrati taghna dejjem taw interpretazzjoni miftuha dwar l-istitut tal-intervenut fil-kawza, il-Qorti tirritjeni li ma sar xejn irregolari meta l-ewwel Qorti awtorizzat lis-socjeta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited tintervejni f'dawn il-proceduri u ghalhekk dan l-aggravju tar-rikorrent appellant qieghed jigi michud.

<u>*It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju tar-rikorrent appellant*</u>

**21.** Din il-Qorti ser tindirizza t-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji tar-rikorrent appellant flimkien u dan ghaliex huma certament relatati ma' xulxin.

*Principji*

[5] App. Civ. Sup. **Angelo Abela v. Joseph Zahra et.**, 29/10/2002 u l-awtoritajiet hemm citati

**22.** Taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni l-kompitu tal-Qorti hu li tezamina jekk il-proceduri mehudin fil-kompless taghhom, inkluz il-mod kif ikunu ngabru l-provi, kienux xierqa fis-sens tal-istess artikolu, ghalkemm jista' wkoll ikun il-kaz li aspett jew nuqqas partikolari jkun tant determinanti ghall-ezitu tal-kawza li jkun bizzejjed sabiex minhabba fih wahdu l-Qorti ssib nuqqas ta' smigh xieraq. Inoltre, l-Istat ghandu latitudini akbar fil-mod kif jittratta kawzi civili milli ghandu meta jkun qieghed jittratta minn kawzi kriminali. B'danakollu, il-principju tal-*equality of arms* li jiddetta li jinzamm bilanc xieraq bejn il-partijiet fil-kawza japplika kemm fil-kawzi civili kif ukoll f'dawk kriminali. Dan il-principju jimplika li kull parti ghandu jkollha l-opportunita` ragjonevoli li tipprezenta l-kaz u l-provi taghha taht kundizzjonijiet li ma jqieghduhiex fi zvantagg fil-konfront tal-parti l-ohra[6]. Inoltre l-partijiet ma ghandhomx dritt assolut li jipproducu xhieda fil-Qorti u s-smiegh ta' xhud irid ikun necessarju biex jghin li tinkixef il-verita`; barra minn hekk il-parti anqas ma ghandha dritt illimitat li taghmel id-domandi li trid lil xhud li jigi prodott[7]. Ghalhekk ma hux bizzejjed li l-parti turi li ma thallietx taghmel domandi lil xi xhud izda trid turi wkoll li s-smiegh tax-xhud kien necessarju ghall-accertament tal-verita` u li n-nuqqas li jithalla jaghmel domandi lix-xhud kien ta' pregudizzju ghalih fil-proceduri relevanti[8].

---

[6] Ara Dec Adm **Camillo Crociani u oHrajn v. Italy**, 18/12/1980; Dec Adm **X v. Norway**, 4/7/1978; Ara ECHR **Helmers v. Sweden**, 29/10/1991 #31; **Vidal v. Belgium**, 22/4/1992; **Dombo Beheer B.V. v. The Netherlands**, 27/10/1993 #31-33; Ara wkoll Q. Kost. **Peter Paul Muscat v. Mario Muscat pro. et noe.et**, 24/6/2011

[7] Ara Kumm ECHR Dec Adm **X v. Switzerland**, 11/3/1982, #10

[8] Ibid #11

**23.** Id-dritt tas-smigh moghti lill-partijiet f'kawza jinghata fit-termini tar-regoli tal-ligijiet procedurali u jekk xi parti ssofri xi konsegwenzi ghaliex tinjora dawk ir-regoli allura l-parti koncernata *imputet sibi* ghal dawk il-konsegwenzi li allura bhala regola ma jkunux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' smigh xieraq. Inoltre, fil-principju anqas jikkonfigura xi nuqqas ta' smigh xieraq meta l-Qorti tghaddi biex tippronunzja s-sentenza wara li l-parti tkun inghatat opportunitajiet ripetuti sabiex tipprezenta l-provi taghha izda l-istess parti ripetutament tonqos milli taghmel dan. Id-dritt li ghandha l-parti hu *"(to) be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent"*[9] (sottolinear tal-Qorti) u mhux li tithalla tiddilunga l-proceduri billi konsistentement u ghal zmien irragjonevolment twil tonqos milli taghmel uzu mill-opportunitajiet u facilitajiet li l-ligi u l-Qorti taghtih sabiex ikun jista' jipprezenta l-kaz u l-evidenza tieghu. Parti ma tistax l-ewwel tinjora r-regoli ta' procedura u wara tilmenta li d-dritt taghha ghal smigh xieraq gie miksur[10].

**24.** Mill-provi jirrizulta car illi kien hemm nuqqas ta' attendenza kemm tar-rikorrent appellant, kif ukoll tal-avukat difensur tieghu u tax-xhud Roy Debattista f'diversi seduti quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Cassar** u dan fiz-zmien meta l-kawza kienet imhollija ghall-provi tar-rikorrent appellant. Dan in-nuqqas kien wiehed ripetut,

[9] ECHR **Dombo Beheer B.V. v. The Netherlands**, 27/10/1993 #33
[10] PA (Kost) **Anthony Mintoff v. Avukat Generali et.**, 7/7/2004

volut u bla ebda raguni jew skuzanti accettabli. Jidher ukoll mid-diversi verbali tal-Qorti tal-Magistrati fil-kaz imsemmi li r-rikorrent appellant kien ilu passiv ghall-ahhar fil-proceduri kriminali li nbdew kontrih u dan minkejja d-diversi drabi li l-Qorti kienet twissih illi kienet se taghtih l-ahhar opportunita` biex iressaq ix-xhieda li xtaq iressaq. Dan juri bic-car l-atteggjament ghal kollox negattiv u auto-leziv da parti tal-attur appellant li kien ukoll ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Perjodu ta' 'l fuq minn ghoxrin sena sabiex l-appellant jaghlaq il-provi tieghu juri indulgenza estrema da parti tal-Qorti kompetenti u minkejja dan l-appellant baqa' ma ghalaqx il-provi tieghu.

**25.** Kien b'nuqqas tal-appellant stess u / jew tal-avukat tieghu li l-kawza giet differita ghas-sentenza u li konsegwentement l-attur appellant ma setax iressaq ix-xhieda tieghu. Di fatti, fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2009 fil-proceduri kriminali kontra l-appellant kien gia` gie verbalizzat li "Jekk f'seduta ohra ma jitkomplewx il-provi da parti tal-akkuzat inkluz il-kontinwazzjoni tax-xhieda tieghu l-kaz ser jigi differit ghas-sentenza". Kien wara diversi seduti li fihom ma gara xejn utli u ma gewx prodotti provi li fl-14 ta' Frar 2012 il-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-24 ta' April 2012. Fis-6 ta' Marzu 2012 l-appellant pprezenta rikors ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza liema talba jidher li giet michuda mill-Qorti fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012 "wara li rat diversi verbali tas-seduti li nzammu sabiex l-akkuzat ikompli jixhed u jipprezenta l-provi tieghu izda dan qatt ma avvera ruhu". Segwew diversi

seduti li ghalihom l-appellant ma deherx u konsegwentement il-kawza baqghet tigi differita ghas-sentenza.

**26.** Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, hija gurisprudenza pacifika illi verbali tal-Qorti ghandhom forza ta' att pubbliku u jaghtu fidi lil dak li jkun sehh fil-kors tal-udjenza u jorbtu lill-kontendenti fil-proceduri[11]. Il-verbali ta' kawza jitqies li juru dak li seHH waqt is-smigh u ghandhom jittiehdu li saru sewwa, u sakemm parti ma tirregistrax ilment jew oppozizzjoni ghal dak li jigi verbalizzat (imqar jekk permezz ta' att gudizzjarju mressaq fl-atti tal-kawza) dik il-prezunzjoni ghandha titqies li baqghet fis-sehh[12].

**27.** Ghalhekk dak li jirrizulta huwa li l-kawza giet differita ghas-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mhux fuq talba tal-*parte civile* imma wara li dik il-Qorti rat l-inadempjenza tar-rikorrent appellant f'dawk il-proceduri.

**28.** Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmijin, din il-Qorti tikkonkludi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-lill-appellant kull opportunita` ragjonevoli sabiex jipprezenta l-kaz tieghu u sabiex jipproduci x-xhieda li ried jipproduci u anzi dik il-Qorti kienet aktar minn indulgenti fir-rigward tieghu u jekk naqset b'xi mod kien fil-fatt illi ttollerat izzejjed il-manuvri dilatorji tal-appellant.

---

[11] App. Sup. Civ. **Zammit v. Kummissarju dwar il-Kontroll tal-Izvilupp**, 10/4/1995; PA Kost.
[12] PA Kost. **Peter Paul Muscat v. Mario Muscat pro et noe et**, 21/1/2010

**29.** Ghalhekk it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji tal-appellant qeghdin jigu michuda.

*<u>Il-Hames Aggravju tal-Attur Appellant</u>*

**30.** Il-hames aggravju tar-rikorrent appellant jikkoncerna r-rakkomandazzjoni li saret mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) wara l-parti dispozittiva tas-sentenza.

**31.** Dan l-ahhar aggravju tal-attur appellant huwa ghal kollox mal koncepit u inammissibbli ghaliex appell jista' jsir biss mill-parti dispositiva ta' sentenza u mhux mill-kunsiderazzjonijiet taghha jew minn kwalunkwe parti minnha li ma tkunx deciziva tal-mertu. Apparti li r-rakkomandazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti ma tivvinkolax lill-Qorti tal-Magistrati fil-proceduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Cassar**, u apparti li din il-Qorti difficilment tifhem kif l-istess rakkomandazzjoni tista' tkun ta' pregudizzju ghall-appellant billi tirrakkomanda li l-partijiet in kawza, inkluz allura l-appellant, jinghataw l-opportunita` jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom, l-istess rakkomandazzjoni kjarament ma hix parti mid-dispozittiv tas-sentenza appellata. Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qieghed jigi michud.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti tichad l-appell tar-rikorrent appellant u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata waqt li dawk ta’ din l-istanza jkunu kollha a karigu tar-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------